Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,091, 20 ta' Novembru, 2018
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXIX tal-2018

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jipprovdi għat-twaqqif ta' Jobsplus u biex jirregola s-servizzi tal-impjieg u t-taħriġ, u għal materji marbutin ma' dan jew anċillari għalih, u għal Awtorità Nazzjonali tax-Xogħol.

ACT No. XXXIX of 2018

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to provide for the establishment of Jobsplus and for the regulation of employment and training services, and for matters connected therewith or ancillary to, and for a National Employment Authority.

VERZJONI ELEKTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **DOLORES CRISTINA**
Aġent President

20 ta' Novembru, 2018

ATT Nru XXXIX tal-2018

ATT biex jipprovdi għat-twaqqif ta' Jobsplus u biex jirregola s-servizzi tal-impjieg u t-taħriġ, u għal materji marbutin ma' dan jew anċillari għalih, u għal Awtorità Nazzjonali tax-Xogħol.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

TAQSIMA I

Preliminari

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2018 dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru jista' permezz ta' avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor -

"Awtorità" tfisser l-Awtorità Nazzjonali tax-Xogħol stabbilita permezz tal-artikolu 3;

"Bord" tfisser il-Bord ta' Jobsplus;

"Bord għall-Ittestjar ta' Snajja'" tfisser bord kostitwit kif jidher fl-artikolu 26;

"dipendenti" tfisser individwi li jiddependu għal kollox jew aktarx għal kollox għall-manteniment tagħhom fuq individwu u li jinsabu f'relazzjoni ma' dan l-individwu -

(a) il-konjuġi, it-tfal jew ulied minn żwieġ ieħor, jew ulied uliedu jekk il-ġenituri jkunu mejtin;

(b) jekk mhux miżżewweġ/a - l-ulied, il-ġenituri, jew aħwa mhux miżżewġin;

(ċ) jekk ikun armel/a - uliedu jew ulied minn żwieġ ta' qabel u ulied uliedu jekk il-ġenituri jkunu mejtin;

"diżabilità" tfisser nuqqas fiżiku, mentali, intellettwali jew sensorju fit-tul li f'interazzjoni ma' barrieri varji jista' jkun ta' xkiel għal parteċipazzjoni sħiħa u effettiva ta' dik il-persuna fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' oħrajn;

"edukazzjoni avvanzata u ogħla" tfisser kull tagħlim formali, mhux formali u informali li mhux obbligatorju li jservi biex wieħed jakkwista kwalifika nazzjonali kklassifikata sa u li tinkludi livell 5 tal-Qafas Malti għall-Kwalifiki, jew kwalifika barranija f'livell komparabbli;

"ġenitur" tfisser il-missier jew l-omm u tinkludi kull persuna li jkollha l-ħarsien u l-kustodja, kemm jekk legali kif ukoll jekk attwali, ta' wild taħt it-tmintax-il sena;

"istituzzjonijiet edukattivi u ta' taħriġ" tfisser kull skola jew istituzzjoni jew entità oħra liċenzjata li toffri servizzi edukattivi fuq livell sekondarju, post-sekondarju jew terzjarju u li tinkludi wkoll istituzzjonijiet edukattivi aktar avvanzati jew ogħla, istituzzjonijiet li joffru tagħlim formali u mhux formali, u edukazzjoni vokazzjonali;

"jippreskrivi" tfisser jippreskrivi b'regolamenti magħmula taħt dan l-Att;

"Jobsplus" tfisser il-Korporazzjoni Jobsplus stabbilita permezz tal-artikolu 5 u, fil-limitu tal-awtorità mogħtija, tinkludi kull uffiċjal ta' Jobsplus awtorizzat minnha biex jaġixxi f'isimha;

"kandidat" tfisser persuna li tapplika għat-Test ta' Snajja;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-impjiegi u tinkludi, fil-limitu tal-awtorità mogħtija, kull persuna awtorizzata

mill-imsemmi Ministru f'dik ir-responsabbiltà għal kull għan ta' dan l-Att;

"persuna" tinkludi korp ta' persuni jew xi korporazzjoni stabbiliti bil-liġi;

"Reġistru" tfisser ir-Reġistru li hemm referenza għalih fl-artikolu 11;

"sena finanzjarja" tfisser il-perjodu ta' tnax-il xahar li jagħlaq fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena;

"skema" tfisser skema ta' post tax-xogħol taħt dan l-Att;

"*trainee*" tfisser persuna, li qabżet l-età ta' skola obbligatorja u li tkun qed tattendi taħriġ formali fil-Jobsplus jew korsijiet oħrajn mogħtija minn persuna oħra approvata minn Jobsplus jew persuna li tkun qed tattendi xi skema.

TAQSIMA II

L-Awtorità Nazzjonali tax-Xogħol

Awtorità Nazzjonali tax-Xogħol.

3. (1) Il-President ta' Malta għandu s-setgħa li jaħtar Awtorità Nazzjonali tax-Xogħol magħmula minn tliet persuni indipendenti, żewġ persuni oħra li fil-fehma tal-President ikunu jirrappreżentaw l-interessi ta' prinċipali u żewġ persuni oħra li fil-fehma tal-President jkunu jirrappreżentaw l-interessi tal-impjegati. F'dan l-artikolu "persuni indipendenti" tfisser persuni li la jkunu impjegati tal-Gvern u lanqas uffiċjali ta' xi organizzazzjoni li tirrappreżenta lill-prinċipali jew lill-impjegati.

(2) Wieħed mill-membri indipendenti tal-Awtorità għandu jiġi maħtur mill-President bħala *chairperson* u ieħor bħala viċi *chairperson*.

(3) Il-President għandu wkoll jaħtar segretarju għall-Awtorità.

(4) Kull membru tal-Awtorità għandu, qabel ma jidħol għall-kariga, jieħu ġurament tal-ħatra quddiem l-Avukat Ġenerali fil-forma li tidher fl-Iskeda.

(5) Kull membru tal-Awtorità jibqa' fil-ħatra għal terminu ta' sentejn u jekk ikun jikkwalifika mod ieħor, jista' jiġi appuntat mill-ġdid fi tmiem it-terminu tal-kariga tiegħu.

(6) Il-President jista' jiffissa r-rimunerazzjoni li għandha titħallas lill-membri tal-Awtorità.

(7) L-ebda membru tal-Awtorità ma jista' jitneħħa mill-kariga qabel tmiem il-ħatra tiegħu ħlief mill-President wara riżoluzzjoni tal-Kamra li titlob għal din it-tneħħija minħabba imġiba ħażina bil-provi jew nuqqas ta' ħila fil-qadi tal-funzjonijiet marbuta mal-kariga tiegħu:

Iżda meta l-Kamra tkun xolta jew rinvjata jew aġġornata għal aktar minn erbatax-il ġurnata, il-President jista' legalment jissospendi membru mill-kariga tiegħu minħabba imġiba ħażina jew minħabba nuqqas ta' ħila fil-qadi tal-funzjonijiet marbuta mal-kariga tiegħu, hekk iżda li dawn is-sospensjonijiet ma jaqbżux l-ewwel tliet seduti tal-Kamra minnufih wara d-data ta' dawn is-sospensjonijiet.

(8) Il-*quorum* tal-Awtorità għandu jkun ta' tliet membri, b'wieħed minnhom ikun iċ-*chairperson* jew il-viċi *chairperson*.

(9) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8), l-Awtorità ma tkunx skwalifikata milli twettaq ix-xogħol tagħha minħabba xi vakanza fost il-membri tagħha.

(10) Id-Direttur u, jew xi persuna li tkun qed tirrappreżentah għandu jkollu d-dritt li jkun preżenti f'kull laqgħa tal-Awtorità u li jiġi mismugħ fuq kull materja.

(11) Il-proċeduri tal-Awtorità jistgħu, jekk l-Awtorità tqis li jkun prattiku, isiru fil-magħluq.

(12) Deċiżjonijiet tal-Awtorità għandhom jittieħdu b'maġġoranza tal-voti tal-membri preżenti. Iċ-*chairperson*, jew, fl-assenza tiegħu, il-viċi *chairperson*, għandu jkollu biss vot deċiżiv.

(13) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' xi regolamenti magħmulin taħtu, l-Awtorità tista' tirregola l-proċedimenti tagħha stess.

Kap. 9.

(14) Għall-finijiet tal-artikoli li ġejjin tal-Kodiċi Kriminali, jiġifieri l-artikolu 91, l-artikoli 115, 119, u 120, l-artikoli 124 u 125, l-artikolu 133 u l-artikolu 138, il-membri tal-Awtorità għandhom jitqiesu li huma uffiċjali pubbliċi.

Funzjonijiet tal-Awtorità.

4. (1) Il-funzjonijiet tal-Awtorità għandhom ikunu:

(a) li tinvestiga u tiġġudika, b'dak il-mod kif tista' tiddetermina, kull ilment li xi parti interessata tista' tressaq quddiemha rigward servizzi ta' impjiegi u taħriġ ipprovduti minn Jobsplus;

(b) li tisma' appelli kif previst f'dan l-Att;

(ċ) li twettaq kull funzjoni oħra li tkun jew tista' tkun assenjata lilha permezz ta' dan l-Att jew xi liġi oħra.

(2) Fejn l-Awtorità taġixxi bħala tribunal biex tisma' appelli kif previst fis-subartikolu (1)(b), id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' xi regolamenti magħmula taħt l-artikolu 47, japplikaw:

(a) l-Awtorità għandha tiċħad kull appell li ma jkunx sar bil-kitba fi żmien speċifikat fid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li jipprovdu għal dak l-appell;

(b) iċ-*chairperson* tal-Awtorità, jew fl-assenza tiegħu il-viċi *chairperson*, għandu jkollu s-setgħa li jħarrek xhieda u jagħti ġurament lil kull xhud u li jitolbu li jixhed jew jipproduċi kotba jew dokumenti oħra quddiemu;

(ċ) taħrikiet għall-attendenza ta' xhieda għandhom jiġu ffirmati miċ-*chairperson*, jew, fl-assenza tiegħu, mill-viċi *chairperson*, u għandhom jiġu notifikati jew personalment jew permezz ta' posta reġistrata, u f'dan l-aħħar każ, biex tingħata prova tan-notifika, ikun biżżejjed li tingħata prova li t-taħrika kienet indirizzata kif xieraq u impustata;

(d) il-persuni kollha mħarrka biex jattendu u jagħtu xhieda f'xi seduta tal-Awtorità jkunu marbuta li jwieġbu għat-taħrika li tkun ġiet notifikata lilhom; u kull persuna li tirrifjuta jew tonqos mingħajr raġuni valida milli tattendi fil-jum, ħin jew post imsemmijin fit-taħrika li tkun ġiet notifikata lilha jew li twieġeb, skont kif taf u temmen, għall-mistoqsijiet kollha li jsirulha minn jew bi qbil mal-Awtorità, jew li tipproduċi kotba jew xi dokumenti oħra li titlob l-Awtorità li jinġiebu quddiemha, tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att:

Iżda l-ebda persuna li tkun qed tixhed quddiem l-Awtorità m'għandha tkun imġiegħla li tinkrimina ruħha u kull persuna tali għandha, rigward kull xhieda mogħtija minnha quddiem l-Awtorità, tkun intitolata għall-privileġġi kollha li persuna li tixhed f'qorti tal-ġustizzja tkun intitolata għalihom fir-rigward tal-evidenza mogħtija minnha quddiem dik il-qorti.

(3) L- Awtorità għandha, f'Jannar ta' kull sena, tissottometti rapport tal-attivitajiet tagħha lill-Ministru li min-naħa tiegħu jqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra mhux aktar tard mill-ewwel seduta li jkun hemm wara tletin jum minn meta jirċevih.

TAQSIMA III

Jobsplus

Jobsplus.

5. Għandu jkun hemm korp, li jkun magħruf bħala Jobsplus, li jkun korp magħqud li jkollu personalità legali distinta u jkun jista' jidħol għal kuntratti, li jakkwista, iżomm u jiddisponi minn kull proprjetà għall-għan tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, li jħarrek jew jiġi mħarrek, u li jagħmel dawk l-affarijiet kollha u jidħol għal transazzjonijiet bħal dawn li jkunu inċidentali jew li jwasslu għat-twettiq jew qadi tal-funzjonijiet tiegħu li jaqgħu taħt dan l-Att.

Tmexxija tal-attivitajiet u xogħol ta' Jobsplus.

6. (1) L-attivitajiet u x-xogħol tal-Jobsplus għandhom ikunu r-responsabilità ta' u jkunu mmexxija minn bord ta' diretturi li għandu jkun magħruf bħala "il-Bord". Ir-rappreżentanza legali ta' Jobsplus għandha tkun vestita fiċ-*chairperson* jew f'xi direttur ieħor li l-Bord jista' jiddelega permezz ta' riżoluzzjoni. Kull riżoluzzjoni bħal din għandha tiġi ppubblikata fil-Gazzetta kemm jista' jkun malajr wara li tiġi approvata u ma tidħolx fis-seħħ qabel ma tiġi hekk ippubblikata.

(2) Il-Bord għandu jikkonsisti minn dak l-għadd ta' diretturi, li ma jkunux inqas minn tmienja, kif il-Ministru minn żmien għal żmien jista' jaħtar. Tlieta mill-membri tal-Bord jinħatru, wara konsultazzjoni xierqa mal-ministri kkonċernati, minn fost dawk il-persuni li l-aħjar jirrappreżentaw lill-ministeri responsabbli għax-xogħol, għall-edukazzjoni u għall-industrija. Wieħed mill-membri tal-Bord għandu jkun persuna b'diżabilità.

(3) Iċ-*chairperson* tal-Bord u l-viċi *chairperson* għandhom jinħatru mill-Ministru minn fost il-membri tal-Bord.

(4) Meta ċ-*chairperson* ikun assenti minn Malta jew għal xi raġuni oħra ma jkunx jista' temporanjament jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, jew fejn il-post ta' *chairperson* ikun temporanjament vakanti, il-viċi *chairperson* għandu jagħmilha ta' *chairperson*.

(5) Iċ-*chairperson* u d-diretturi l-oħra għandhom jinħatru kull sena u jibqgħu fil-kariga taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru jqis li jkunu xierqa; u jistgħu jerġgħu jinħatru mill-ġdid.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u għal kull direttiva tal-Bord, it-tmexxija eżekuttiva ta' Jobsplus, l-amministrazzjoni u l-organizzazzjoni tagħha, u l-kontroll amministrattiv tal-uffiċjali u l-impjegati tagħha għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-uffiċjal eżekuttiv ewlieni ta' Jobsplus li wkoll ikollu dawk is-setgħat oħrajn li minn żmien għal żmien jistgħu jiġu delegati lilu mill-Bord. L-uffiċjal eżekuttiv ewlieni għandu jkollu d-dritt li jattendi u jiġi mismugħ fil-laqgħat kollha tal-Bord. Madankollu, ma jkollux vot u ma jiġix magħdud biex jiġi ffurmat

quorum.

(7) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3(14) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal Jobsplus, l-uffiċjal eżekuttiv ewlieni u impjegati oħrajn ta' Jobsplus.

Skwalifikazzjoni għall-ħatra, it-tneħħija u r-riżenja ta' diretturi.

7. (1) Persuna ma tikkwalifikax biex tinħatar jew li tokkupa l-kariga ta' membru tal-Bord jekk dik il-persuna:

(a) tkun membru tal-Kamra; jew

(b) tkun legalment inkapaċitata; jew

(ċ) tkun ġiet iddikjarata falluta jew tkun għamlet kompożizzjoni jew ftehim mal-krediturі tagħha; jew

(d) tkun instabet ħatja ta' reat li għandu x'jaqsam mal-fiduċja pubblika jew serq jew frodi jew riċettazzjoni ta' oġġetti miksubin b'serq jew bi frodi.

(2) Membru tal-Bord jista' jitneħħa mill-kariga tiegħu mill-Ministru għar-raġuni li jkun inkapaċi li jwettaq il-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, sew jekk minħabba f'mard tal-moħħ jew tal-ġisem, jew għal kull raġuni oħra, jew minħabba fi mġiba ħażina.

(3) Membru tal-Bord jista' jirriżenja mill-kariga tiegħu permezz ta' ittra lill-Ministru.

Laqgħat tal-Bord.

8. (1) Il-Bord għandu jiltaqa' daqstant drabi kemm ikun meħtieġ jew spedjenti, iżda f'ebda każ inqas minn darba kull tliet xhur. Il-laqgħat jissejħu miċ-*chairperson* jew fuq inizjattiva personali tiegħu jew wara li ssirlu talba minn tnejn mill-membri l-oħra.

(2) Il-Bord ma għandux jiffunzjona ħlief meta jkun hemm preżenti *quorum* ta' mhux inqas minn nofs in-numru ta' membri.

(3) Il-laqgħat tal-Bord għandhom jiġu preseduti miċ-*chairperson* jew, fl-assenza tiegħu, mill-viċi *chairperson*.

(4) Id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom jittieħdu b'maġġoranza tal-voti tal-membri preżenti u votanti; u fil-każ li l-voti jiġu ndaqs iċ-*chairperson*, jew fl-assenza tiegħu l-viċi *chairperson*, ikollu dritt jerġa' jivvota għat-tieni darba jew vot deċiżiv.

(5) Kull vakanza fost il-membri tal-Bord u kull parteċipazzjoni fil-Bord minn xi persuna li ma tkunx intitolata għal hekk ma għandhomx jinvalidaw il-proċedimenti tal-imsemmi Bord.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Bord jista'

jirregola l-proċeduri tiegħu stess.

Status ta' Jobsplus.

9. (1) Jobplus għandu jkollha dawk il-funzjonijiet kif stabbiliti b'dan l-Att u dawk il-funzjonijiet oħra li jistgħu jiddevolvu fuqha taħt kull liġi oħra, jew kif jista' jiġi assenjat lilha mill-Ministru.

(2) Jobsplus għandha tikkonsidra kull ħaġa li għandha x'taqsam mat-tfassil ta' *policy* ġenerali nazzjonali dwar xogħol u taħriġ u kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' xi waħda mill-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, jew dawk il-funzjonijiet oħra li huma jew jistgħu jiġu assenjati lilha taħt kull liġi oħra. Jobsplus għandha wkoll tagħti pariri lill-Ministru jew xi dipartiment tal-Gvern dwar kull materja relatata mal-impjiegi jew taħriġ ta' ħaddiema jew lis-suq tax-xogħol b'mod ġenerali, jew meta mitluba tagħmel hekk mill-Ministru jew fuq inizjattiva tagħha stess.

(3) Jobsplus għandha tagħti lill-Ministru dawk il-faċilitajiet meħtieġa biex jikseb tagħrif dwar il-proprjetà u l-ħidma ta' Jobsplus, u tfornih bil-prospetti, kontijiet u tagħrif ieħor dwar l-istess, u tagħtih dawk il-faċilitajiet meħtieġa għall-verifika tat-tagħrif mogħti b'dak il-mod, u f'dawk iż-żminijiet li jista' jeħtieġ.

(4) Il-Ministru jista', wara li jikkonsulta ma' Jobsplus, jagħti lil Jobsplus dawk id-direttivi bil-miktub li jista' jqis xieraq, li jkunu direttivi ta' natura ġenerali mhux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u Jobsplus għandha tikkonforma ruħha ma' dawk id-direttivi.

(5) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, jew fi kwalunkwe ħaġa jew ħidma oħra, Jobsplus għandha tikkonforma l-*policies* u l-ħidma tagħha mal-iskopijiet u objettivi tal-ippjanar ekonomiku nazzjonali li jkun fis-seħħ minn żmien għal żmien.

(6) Jobsplus tista', bl-approvazzjoni tal-Ministru, teżerċita l-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att permezz tal-aġenzija ta' persuni oħra, u tista' taġixxi bħala aġent jew xort'oħra f'isem persuni oħra.

Funzjonijiet ta' Jobsplus dwar servizzi tal-impjiegi.

10. Dwar l-impjiegi, Jobsplus għandu jkollha dawn il-funzjonijiet:

(a) b'mod ġenerali li tipprovdi u tħaddem servizz tal-impjiegi, biex tgħin persuni biex isibu impjiegi xierqa u biex tgħin lill-prinċipali biex isibu impjegati xierqa;

(b) b'mod partikolari -

(i) li tirreġistra persuni li jkunu qegħdin ifittxu impjieg fir-Reġistru;

(ii) li tintervista lil dawk il-persuni u tistma, jekk meħtieġ, il-kapaċità tagħhom fiżika vokazzjonali;

(iii) li tgħin persuni li jkunu qegħdin ifittxu impjieg billi tiggwida u tagħti pariri dwar l-għażla ta' impjieg, u t-taħriġ u taħriġ mill-ġdid li jista' jinħtieġ;

(iv) li tikseb mingħand il-prinċipali tagħrif dwar postijiet battala u dwar il-kwalitajiet li jinħtieġ ikollhom l-impjegati li jkunu jridu;

(v) li tirreferi persuni li jkollhom il-kapaċitajiet, id-dispożizzjonijiet u s-saħħa fiżika meħtieġa għall-impjieg li jkun hemm;

(vi) li tiġbor u tifli bir-reqqa tagħrif dwar is-sitwazzjoni ġenerali tax-xogħol u kif aktarx tinbidel; u

(ċ) li tagħti parir lill-Ministru dwar kull materja relatata max-xogħol jew taħriġ ta' ħaddiema, jew fuq talba mill-Ministru jew fuq inizjattiva tagħha, inklużi proposti għal regolamenti għal dawk l-għanijiet jew f'dawk iċ-ċirkostanzi li fl-opinjoni tal-Ministru jkunu meħtieġa jew għax hekk ikun jaqbel biex isir provvediment għalihom permezz ta' regolamentazzjoni.

Reġistru ta' persuni li jkunu qegħdin ifittxu impjieg.

11. (1) Jobsplus għandha żżomm Reġistru ta' dawk il-persuni li jkunu qegħdin ifittxu impjieg.

(2) Kull persuna li tikkwalifika biex tiġi reġistrata tista' titlob biex tiġi reġistrata skont ir-regolamenti li jistgħu jiġu preskritti minn żmien għal żmien. Dawn ir-regolamenti għandu jkun fihom tifsiriet dwar min jikkwalifika għal reġistrazzjoni u dawk it-Taqsimiet tar-Reġistru li jistgħu jiġu stabbiliti u l-azzjoni li għandha tiġi adottata minn Jobsplus fir-rigward ta' riferenza ta' persuni għal impjieg.

(3) L-ebda persuna li tkun ta' età obbligatorja tal-iskola m'għandha tiġi rreġistrata sakemm dik il-persuna ma tkunx qabżet l-età tal-edukazzjoni obbligatorja skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Edukazzjoni.

Kap. 327.

Reġistrazzjoni għal impjieg.

12. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament magħmul bis-saħħa tiegħu, ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jkunu qed ifittxu impjieg għandha ssir b'dak il-mod u skont dawk il-formalitajiet u kundizzjonijiet li Jobsplus tista' tiddeċiedi.

(2) Fiż-żmien tal-ewwel reġistrazzjoni għal impjieg u f'kull żmien waqt il-perjodu ta' validità tar-reġistrazzjoni, Jobsplus tista'

titlob lill-persuna li tkun qed tfittex ix-xogħol biex tagħti tagħrif jew tipproduċi dokumenti fil-pussess jew kontroll tagħha dwar id-data tat-twelid tagħha, impjiegi li kellha qabel, dipendenti, esperjenza ta' xogħol, ħiliet, kompetenzi, kwalifiki u ħwejjeġ oħra rilevanti għar-reġistrazzjoni tagħha.

(3) Jekk persuna tonqos milli tagħti xi tagħrif meħtieġ minnha taħt is-subartikolu (2), dik il-persuna għandha titlef id-dritt ta' reġistrazzjoni tagħha taħt dan l-artikolu jew li tiġi riferita għall-impjieg taħt l-artikolu 13, u għandha tiġi notifikata b'dan bil-miktub.

(4) Kull persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni ta' Jobsplus taħt dan l-artikolu tista', fi żmien ħmistax-il jum min-notifika ta' dik id-deċiżjoni, tappella lill-Awtorità.

Riferiment ta' persuni għal impjieg.

13. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, u bla ħsara għal kull regolament magħmul bis-saħħa tiegħu, fl-għażla ta' persuni biex jiġu riferiti lill-prinċipali, Jobsplus għandha tikkonsidra l-persuni li l-aktar jissodisfaw il-ħtiġiet ta' prinċipal fuq bażi ta' kwalifiki, ħiliet u, jew kompetenzi u, jew esperjenza ta' xogħol skont kif ikun il-każ.

(2) (a) Meta persuna li tkun reġistrata għal impjieg tirrifjuta li tilqa' xi opportunità xierqa ta' impjieg, dik il-persuna żżomm id-dritt li tkompli tirreġistra għax-xogħol, tul l-ewwel tliet (3) xhur mid-data tar-reġistrazzjoni. Madankollu, dan ma japplikax meta l-persuna li tirreġistra tirrifjuta mingħajr raġuni tajba u suffiċjenti, xi taħriġ jew għajnuna oħra offruta lilha minn Jobsplus.

(b) F'każ li xi persuna li tkun tirreġistra għal xogħol għal perjodu ta' aktar minn tliet (3) xhur mid-data tar-reġistrazzjoni tirrifjuta, mingħajr raġuni tajba jew suffiċjenti, li tieħu opportunità xierqa ta' xogħol jew taħriġ jew ta' xi assistenza jew servizz ieħor offrut lilha minn Jobsplus, dik il-persuna tinqata' mir-reġistru b'effett immedjat għal perjodu ta' sitt (6) xhur.

(ċ) Kull persuna li ma tikkonfermax li rċeviet xi komunikazzjoni b'xi mod jew ieħor kif minn żmien għal żmien jiġi ddeterminat minn Jobsplus, rigward opportunità xierqa ta' xogħol jew taħriġ jew ta' xi assistenza jew servizz ieħor offrut lilha minn Jobsplus tinqata' mir-Reġistru b'effett immedjat għal perjodu ta' sitt (6) xhur.

(d) Il-persuna li tkun qed tirreġistra għal xogħol tista' jkollha xogħol f'xi attività ta' xogħol ta' darba kull tant li jkun jikkonsisti fi ftit sigħat u f'kull każ mhux aktar minn ħames (5) sigħat f'ġimgħa u li ma jaqbżux l-ammont ta' mitejn u erbgħin (240) siegħa

fis-sena, waqt li żżomm id-dritt tagħha li tibqa' fuq ir-Reġistru, sakemm takkwista l-approvazzjoni ta' Jobsplus dwar dan l-arranġament, minn qabel. F'ċirkostanzi normali, din l-approvazzjoni għandha tintalab mill-anqas ġimgħa bil-quddiem. Jekk min jirreġistra jonqos li jinforma lil Jobsplus u jinqabad jaħdem waqt li jkun qed jirreġistra, jinqata' mir-Reġistru b'effett immedjat għal perjodu ta' sitt (6) xhur.

(3) Kull persuna li, filwaqt li tkun qed tirreġistra għal impjieg, tkun qiegħda taħdem bi qligħ jew li, mingħajr il-permess mogħti minn qabel minn Jobsplus, tkun qiegħda taħdem f'xogħol li jikkonsisti fl-għoti lil xi persuna ta' servizzi li normalment isir ħlas għalihom, titlef id-dritt tagħha għar-reġistrazzjoni taħt l-artikolu 12 jew għal riferiment għal impjieg taħt dan l-artikolu.

(4) Kull persuna li titlef id-dritt li jkollha għar-reġistrazzjoni jew għal riferiment taħt l-artikolu 12 jew dan l-artikolu ma jkollhiex jedd li tkun reġistrata għal impjieg jew għal riferiment għal impjieg kemm-il darba dik il-persuna ma ġġibx prova għas-sodisfazzjon ta' Jobsplus li wara li tkun tilfet dawk id-drittijiet kif hawn qabel imsemmi, hija kienet qiegħda taħdem bi qligħ għal perjodu kontinwu ta' sitt (6) xhur u li kienet temmet milli tibqa' taħdem bi qligħ għal raġunijiet li jitqiesu bħala tajbin u suffiċjenti.

(5) Kull persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni ta' Jobsplus taħt dan l-artikolu, tista', fi żmien ħmistax-il jum tax-xogħol min-notifika ta' dik id-deċiżjoni, tappella lill-Awtorità.

Avviż dwar il-mili ta' vakanzi.

14. (1) Meta jagħmel talba lil Jobsplus biex jiġu riferuti impjegati, prinċipal għandu jispeċifika l-kwalifiki, ħiliet u kompetenzi u, jew l-esperjenza fix-xogħol tal-impjegati li jkollu bżonn, il-kundizzjonijiet ta' impjieg li joffri u n-numru ta' persuni li għandhom jiġu riferiti lilu biex possibilment jiġu impjegati, iżda b'mod li l-prinċipal ma jkollu ebda jedd li jindika persuni individwali meta jagħmel it-talba tiegħu lil Jobsplus.

(2) Fir-riferiment ta' persuni għall-impjieg, Jobsplus għandha tfittex li taqdi l-ħtiġijiet tal-prinċipal kemm jista' jkun mingħajr dewmien. Il-prinċipal ikollu l-jedd li jirrifjuta kull applikant mibgħut minn Jobsplus.

Ingaġġ ta' impjegati mal-Gvern u ma' korpi u kumpanniji tal-Gvern jew kontrollati minnu.

15. (1) L-impjegati kollha meħtieġa mill-Gvern ta' Malta li ma jkunux fis-servizz tiegħu jew minn xi enti morali jew kumpannija msemmijin fl-artikolu 110(6) tal-Kostituzzjoni, kemm jekk ikunu, f'kull każ, impjegati b'kuntratt għal żmien speċifikat jew għal żmien mhux speċifikat, salv dak li hemm previst fil-Kostituzzjoni u fis-subartikoli (2) u (3), għandhom jiġu reklutati permezz tas-servizz tal-

impjiegi provdut minn Jobsplus.

(2) Meta r-reklutaġġ ta' impjegati mill-Gvern jew minn xi prinċipal ieħor li għalihom jirreferi s-subartikolu (1) ikollu x'jaqsam mal-impjieg ta' -

(a) persuni li jkunu meħtieġa biex jimlew postijiet, fuq bażi ta' kuntratt għal żmien speċifikat li jirrikjedu xi fiduċja speċjali jew postijiet li jirrikjedu kwalifiki akkademiċi jew professjonali; jew

(b) persuni impjegati minn barra minn Malta,

Jobsplus tista' tagħmel jew tawtorizza r-reklutaġġ ta' impjegati jew billi jsir riferiment minnha, jew b'mod ieħor taħt dawk il-kundizzjonijiet jew b'dak il-mod kif Jobsplus tista' tqis li jkun xieraq:

Iżda impjegat li jkun impjegat mill-Gvern ta' Malta jew minn xi korp magħqud jew kumpannija msemmijin fl-artikolu 110(6) tal-Kostituzzjoni minn fost persuni li diġà jkunu uffiċjali pubbliċi jew li jkunu impjegati ta' xi korp magħqud ieħor jew kumpannija oħra msemmijin fl-artikolu 110(6) tal-Kostituzzjoni, allura dak l-impjegat għandu jitqies bħala li kien impjegat permezz tas-servizz tar-reklutaġġ provdut minn Jobsplus.

(3) Taħt dawk iċ-ċirkostanzi u dwar dawk il-vakanzi, li jistgħu jiġu preskritti, Jobsplus għandha tirreferi għall-impjieg ma' xi prinċipal kif hemm imsemmi fis-subartikolu (1), bi preferenza ta' xi persuna oħra, persuni li, fi żmien it-tliet (3) xhur li jiġu minnufih qabel dak ir-riferiment, ikunu intbagħtu bħala żejda minn dak l-impjieg kif jista' jiġi preskritt.

(4) Jekk wara talba għal impjegati magħmula lil Jobsplus minn dipartiment tal-Gvern jew minn kull prinċipal ieħor kif hemm imsemmi fis-subartikolu (1), Jobsplus ma tistax tibgħat applikanti xierqa, id-dipartiment jew il-prinċipal l-ieħor jistgħu jirreklutaw l-impjegati meħtieġa bis-saħħa ta' dawk l-arranġamenti oħra li Jobsplus tista' tawtorizza għal kull każ jew klassi ta' każijiet.

(5) Dipartiment tal-Gvern jew prinċipal ieħor kif hemm imsemmi fis-subartikolu (1), li jirrifjutaw applikant mibgħut minn Jobsplus għandhom jispeċifikaw bil-miktub ir-raġuni tar-rifjut tagħhom. Meta f'xi każ, Jobsplus, wara l-investigazzjonijiet meħtieġa, tkun sodisfatta li d-dipartiment jew prinċipal ikunu rrifjutaw applikant mingħajr kawża ġusta, hija tista' tordna lil dak id-dipartiment jew prinċipal partikolari li jagħtu impjieg lill-istess applikant f'dak il-post li għalih ikun oriġinarjament intbagħat minn

Jobsplus.

(6) Kull persuna li -

(a) tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu; jew

(b) tagħmel preferenzi favur xi persuna, jew tiddiskrimina kontriha, għall-impjieg tagħha ma' xi prinċipal imsemmi fis-subartikolu (1) minħabba fis-sess, reliġjon jew twemmin, mezzi ekonomiċi, razza jew oriġini etnika, fehma politika, diżabilità, kulur, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru,

tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att.

Skjerament mill-ġdid ta' impjegati fis-settur pubbliku.

16. (1) Meta l-Prim Ministru jkun tal-parir li xi impjegat, ta' korp jew soċjetà msemmija fl-artikolu 110(6) tal-Kostituzzjoni li minħabba f'riorganizzazzjoni jew ristrutturar ta' xi korp jew soċjetà minn dawk imsemmijin ikun jista' jitlef l-impjieg jew ikun sar xort'oħra żejjed, ikun jista' jiġi skjerat mill-ġdid fis-settur pubbliku f'xi impjieg ieħor ma' xi korp ieħor jew soċjetà oħra kif fuq imsemmija, huwa jista' joħroġ ordni li tkun tordna dak l-iskjerament mill-ġdid u dik l-ordni għandu jkollha l-effett u għall-iskop ta' dak l-iskjerament mill-ġdid ir-reklutaġġ skont servizz tal-impjieg provdut minn Jobsplus għandu jsir skont dik l-ordni.

(2) Ordni li tinħareġ taħt is-subartikolu (1) tista' tkun tinkludi dawk il-pattijiet, kondizzjonijiet, modalitajiet u termini ta' żmien skont ma l-Prim Ministru jista' jqis li jkun adatt li jinkludi bil-għan li jiġi regolat dak l-iskjerament mill-ġdid jew bil-għan li jiġi evitat kull piż mhux dovut, anomalija jew tbatija fuq il-prinċipal jew fuq l-impjegat jew fuq impjegati oħra tal-korp jew soċjetà fejn dak l-impjegat ikun ġie jew ikun ser jiġi skjerat mill-ġdid.

Funzjonijiet ta' Jobsplus fir-rigward ta' taħriġ.

17. (1) Dwar it-taħriġ, Jobsplus għandu jkollha dawn il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li tipprovdi korsijiet ta' taħriġ jew skemi oħra biex tgħin persuni li jixtiequ jħejju ruħhom sewwa għal ħidma bi qligħ, jew li jixtiequ jtejbu jew jaġġornaw ix-xorta tat-tagħrif u tal-ħiliet tagħhom għall-istess skop;

(b) li tikseb tagħrif mingħand il-prinċipali dwar in-numru, il-livell edukattiv, is-snajja' u l-ħila ta' persuni li huma jistgħu jeħtieġu għall-impjieg fi żmien qasir kif ukoll fi żmien iktar twil;

(ċ) li tasal f'arranġamenti mal-prinċipali msemmijin, jew ma' kull persuna oħra, sabiex tapprovalu l-korsijiet ta' taħriġ jew skemi oħra maħsubin b'dan l-artikolu;

(d) li tipprovdi għajnuna lill-Bordijiet għall-Ittestjar ta' Snajja' fit-tfassil u l-organizzar ta' assessjar biex jassiguraw il-profiċjenzi jew kompetenzi ta' persuna f'impjieg partikolari.

(2) Ir-riferenza f'dan l-artikolu dwar il-provvediment ta' korsijiet ta' taħriġ jew skemi oħra għandha tinftiehem li tinkludi riferenza għal ħlasijiet lil min jattendi xi kors jew skema bħal dawn, f'Malta jew barra minn Malta, dwar spejjeż għall-ivvjaġġar, għall-provvediment lil dawn il-persuni ta' akkomodazzjoni residenzjali u għall-provvediment ta' kull faċilità jew servizz ieħor li għandu x'jaqsam ma' dan kollu.

Setgħat ta' Jobsplus dwar it-taħriġ.

18. (1) Bil-għan li jiġi nkoraġġit taħriġ xieraq permezz ta' korsijiet jew skemi oħra maħsubin bl-artikolu 17, Jobsplus tista' -

(a) tipprovdi jew tassigura l-provvediment ta' dawk il-korsijiet jew skemi oħra skont ma tista' tqis xieraq, filwaqt li tagħti każ ta' kull kors jew skema oħra li jkunu disponibbli;

(b) tapprova dawk il-korsijiet u skemi provduti minn persuni oħra;

(ċ) tagħmel arranġamenti biex isiru eżamijiet għall-għażla u eżamijiet jew metodi oħra għall-aċċertament ta' ksib ta' livelli rakkomandati minnha u tista' tagħti ċertifikati dwar il-ksib ta' dawk il-livelli;

(d) tassisti kull persuna fit-tfittxija ta' faċilitajiet għat-taħriġ tagħha meta hi ma tkunx tista' tipprovdi dak it-taħriġ;

(e) twettaq jew tassisti persuni oħra li jagħmlu riċerka f'kull ħaġa li għandha x'taqsam mas-servizzi ta' taħriġ li toffri Jobsplus.

(2) Jobsplus tista' tagħmel kuntratti ta' servizz ma' kull persuna li tkun biħsiebha tattendi korsijiet jew tivvantaġġja ruħha minn xi skema oħra provduta minnha.

(3) Jobsplus tista' -

(a) fuq talba ta' xi prinċipal tagħti kull parir dwar it-taħriġ li hu konness mal-attivitajiet tiegħu;

(b) tagħmel kull ftehim ma' prinċipali dwar il-ħlasijiet li jsiru minnhom lil Jobsplus dwar it-twettiq ta' xi waħda mill-funzjonijiet ta' Jobsplus.

(4) Jobsplus tista' -

(a) tagħmel għotjiet jew tagħti self lil persuni li jipprovdu korsijiet jew skemi oħra approvati minn Jobsplus;

(b) tħallas *allowances* lil persuni li jipprovdu tagħlim ulterjuri lil dawk il-persuni li jibqgħu jitgħallmu filwaqt li jitħarrġu f'korsijiet jew skemi oħra provduti jew approvati minn Jobsplus;

(ċ) tħallas lil persuni f'konnessjoni ma' arranġamenti li bihom huma jew l-impjegati tagħhom ikunu jistgħu jidħlu għal korsijiet jew skemi oħra provduti jew approvati minn Jobsplus.

Skemi.

19. (1) Ħadd ma jista' jimpjega *trainee* mingħajr il-permess bil-miktub ta' Jobsplus fejn għandu jkun hemm imsemmi l-ogħla numru ta' *trainees* li jistgħu jkunu impjegati:

Iżda ebda permess bħal dan ma jingħata taħt dan l-artikolu għall-impjieg ta' *trainees* ħlief jekk abbozz ta' skema jew ftehim li jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-taħriġ u kondizzjonijiet ta' impjieg ta' *trainee* ikun ġie magħmul qabel mill-persuna li tapplika għall-permess u approvat minn Jobsplus u ħlief jekk dik il-persuna turi għas-sodisfazzjon ta' Jobsplus li l-istabbiliment tagħha joffri opportunitajiet xierqa għat-taħriġ tajjeb tan-numru ta' *trainees* li bi ħsiebha timpjega fih.

(2) Kull persuna li tikser xi dispożizzjoni tas-subartikolu (1) tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att.

Ftehim bil-miktub.

20. (1) Meta jimpjega *trainee*, prinċipal għandu jagħmel ftehim bil-miktub miegħu.

(2) Jekk dak it-*trainee* ikun minorenni, huwa ma jistax hekk jintrabat ħlief bil-permess tal-ġenitur tiegħu jew, jekk m'hemmx ġenitur, bil-kunsens tal-persuna li jkollha l-ħarsien legali tagħha.

(3) Minorenni li jintrabat bħala *trainee* kif hemm fis-subartikolu (2), ikun marbut bil-ftehim għaż-żmien kollu li jibqa' jgħodd ukoll jekk, matul dan iż-żmien, ikun għalaq it-tmintax-il sena.

Traineeship.

21. (1) Ebda ftehim ta' *traineeship* jew skema oħra ma għandu jorbot sakemm u jekk ma jkunx reġistrat ma' Jobsplus skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Meta Jobsplus tkun qiegħda tirreġistra dak il-ftehim, hija għandha tiżgura li:

(a) dak il-ftehim ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-iskema ta' *traineeship* jew skema oħra li tkun tapplika f'dak iż-żmien;

(b) il-prinċipal u t-*trainee* ikunu persuni xierqa li jidħlu għal dak il-ftehim.

(3) Il-ftehim għandu jkollu l-informazzjoni li ġejja kif ukoll xi informazzjoni oħra ddeterminata minn Jobsplus minn żmien għal żmien:

(a) id-dettalji ta' prinċipal, tat-*trainee* u tal-impjieg;

(b) it-tul ta' żmien li jkopri l-ftehim;

(ċ) id-drittijiet u l-obbligi tat-*trainees* u ta' prinċipal matul l-iskema;

(d) id-drittijiet u l-obbligi ta' Jobsplus matul l-iskema;

(e) il-kondizzjonijiet tax-xogħol offruti lit-*trainees*; u

(f) il-kalkolu tal-*allowance* għat-taħriġ tat-*trainee*.

(4) Jobsplus għandha żżomm Reġistru ta' *Trainees* u kull ftehim ikun reġistrat fih.

(5) Id-data ta' reġistrazzjoni ma għandhiex tolqot id-data ta' bidu fis-seħħ ta' ftehim, iżda r-rifjut li jiġi reġistrat ftehim jagħmel dak il-ftehim null u bla effett mid-data tar-rifjut tiegħu. Id-data tal-bidu fis-seħħ ta' ftehim tkun id-data tal-iffirmar mill-partijiet kollha jew dik id-data l-oħra li tista' tissemma fil-ftehim.

(6) Parti li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni ta' Jobsplus taħt dan l-artikolu tista', fi żmien ħmistax-il jum tax-xogħol mid-data meta tiġi notifikata bil-miktub dwar dik id-deċiżjoni, tressaq appell quddiem l-Awtorità.

Trasferiment ta' ftehim.

22. (1) Il-jeddijiet u dmirijiet ta' kull prinċipal taħt xi ftehim jistgħu, bil-kunsens ta' Jobsplus, jiġu trasferiti fuq prinċipal ieħor.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4), ebda tali trasferiment ma jkun komplut sakemm ma jkunx reġistrat ma' Jobsplus.

(3) Jobsplus tista' tirrifjuta li tirreġistra kull trasferiment illi fil-fehma tagħha mhuwiex fl-interess tat-*trainee*.

(4) Jekk persuna tiġi impjegata bħala *trainee* minn soċjetà, il-ftehim tagħha ma jintemmx minħabba li xi soċju jmut jew jirtira, jekk in-negozju tas-soċjetà jissokta minn xi persuna oħra jew soċjetà oħra; u l-jeddijiet u dmirijiet tal-prinċipal taħt il-ftehim għandhom jitqiesu li ġew mgħoddija lill-persuna jew soċjetà li tissokta n-negozju.

Tilwim bejn prinċipal u *trainee*.

23. Waqt il-perjodu ta' xi tilwim bejn prinċipal u t-*trainee*, il-prinċipal hu intitolat li, mid-data li fiha jirrapporta ċ-ċirkostanzi lil Jobsplus, jissospendi lit-*trainee* mix-xogħol.

Jeddijiet ta' prinċipal u ta' *trainee*.

24. Ebda ħaġa li tinsab f'dan l-Att ma għandha tolqot -

(a) xi jedd li *trainee* jista' jkollu biex jibda proċedimenti ċivili kontra l-prinċipal tiegħu dwar xi ksur jew nuqqas ta' tħaris ta' xi dispożizzjoni ta' ftehim jew xi kondizzjoni li tinsab fih;

(b) kull jedd li prinċipal jista' jkollu biex jibda proċedimenti ċivili kontra *trainee* dwar xi ksur tal-pattijiet jew xi nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet tal-ftehim jew ta' xi kondizzjoni li tinsab fih.

Setgħa ta' Jobsplus li tiżgura taħriġ xieraq.

25. (1) Jobsplus ikollha s-setgħa li tagħmel dik l-ispezzjoni u dak l-istħarriġ li jkunu meħtieġa sabiex tiżgura li *trainees* qegħdin jitħarrġu kif jixraq.

(2) Jekk fil-fehma ta' Jobsplus xi *trainee* ma jkunx qed jieħu taħriġ xieraq, Jobsplus tista' tordna lill-prinċipal tat-*trainee* sabiex jieħu dik l-azzjoni, imsemmija fl-ordni, li Jobsplus jidhrilha meħtieġa biex tiżgura li t-*trainee* ikollu taħriġ xieraq, u tista' tirtira jew tibdel kull ordni bħal dik.

(3) F'kull ordni bħal dik, Jobsplus tista', bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' xi skema li tgħodd għall-każ, tispeċifika x-xorta ta' xogħol li fih it-*trainee* għandu jitħarreġ, il-perjodi li fihom, kull kemm żmien jew id-dati li bejnhom huwa għandu hekk jitħarreġ, il-kondizzjonijiet dwar sorveljanza, il-metodu jew il-post tax-xogħol, u kull ħaġa jew kondizzjoni oħra dwar it-taħriġ.

Ittestjar ta' snajja'.

26. Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni ma' Jobsplus, jaħtar dawk il-Bordijiet għall-Ittestjar ta' Snajja' li jistgħu jidhrulu meħtieġa sabiex imexxu l-eżamijiet ta' kandidati bil-ħsieb li tiġi stabbilita l-proficjenza tagħhom f'xi sengħa, li tkun ġiet miksuba permezz ta' tagħlim mhux formali u informali.

Standards Okkupazzjonali Nazzjonali.

27. Fl-assenza ta' *Standards* Okkupazzjonali Nazzjonali, il-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni jista', b'konsultazzjoni ma' Jobsplus, jagħmel regolamenti għat-twaqqif ta' *standards* ta' kompetenza f'xogħlijiet differenti u ċ-ċertifikazzjoni ta' persuni li jkunu laħqu dawn l-i*standards*.

Ċertifikat ta' Kompetenza.

28. (1) Biex jingħata Ċertifikat ta' Kompetenza, kandidat irid ikun għadda b'suċċess mill-komponenti kollha.

(2) Kandidati li jfallu l-assessjar f'xi parti jew fil-partijiet kollha jingħataw il-possibbiltà li japplikaw biex joqogħdu għall-assessjar mill-ġdid.

Miżata amministrattiva.

29. (1) Kandidati li japplikaw għall-assessjar għandhom iħallsu għal miżati amministrattivi, li jistgħu jiġu riveduti minn żmien għal żmien minn Jobsplus.

(2) Kandidati li japplikaw għal Test ta' Snajja' għandu jkollhom mill-inqas sena waħda esperjenza fix-xogħol li japplikaw għalih.

(3) Meta jsir Ittestjar ta' Snajja' taħt ir-regolamenti li jagħmlu validu tagħlim mhux formali u informali, il-kriterju ta' eliġibilità applikabbli għall-kandidati li japplikaw għall-assessjar għandu jkun konformi mar-Regolamenti dwar il-Validazzjoni ta' Tagħlim Mhux Formali u Informali.

L.S. 327.432

(4) Kandidati bla impjieg ikunu eżentati milli jħallsu l-miżata amministrattiva.

TAQSIMA IV

Dispożizzjonijiet Amministrattivi u Finanzjarji dwar Jobsplus

Impjegati ta' Jobsplus.

30. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' kull liġi oħra li tapplika għal dan, magħdud dan l-Att, Jobsplus, bi ftehim mal-Ministru, tista' taħtar dawk l-uffiċjali u impjegati oħra taħt dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet ta' impjieg li Jobsplus tista', minn żmien għal żmien, tiddetermina.

(2) Uffiċjali pubbliċi li jkunu ssekondati sabiex jaqdu dmirijiet ma' Jobsplus għandhom jaqgħu taħt l-awtorità amministrattiva u l-kontroll ta' Jobsplus, iżda għandhom għal kull fini u għan ieħor jibqgħu u jitqiesu u jiġu trattati bħala uffiċjali pubbliċi.

Dħul kapitali ta' Jobsplus.

31. (1) Jobsplus għandha titħallas mill-Fond Konsolidat dawk l-ammonti li l-Kamra tista' tapprova kif hawn provdut fid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

Iżda għar-rigward tal-funzjonijiet tagħha, ħlief dawk li għandhom x'jaqsmu mal-funzjoni tagħha bħala servizz ta' impjiegi għall-finijiet tal-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, xejn f'dan l-Att ma għandu jwaqqaf lil Jobsplus milli tidħol għal arranġamenti biex iġġib parti mill-fondi tagħha minn sorsi li ma jkunux fondi pubbliċi.

(2) Jobsplus għandha tieħu ħsieb tħejji kull sena finanzjarja, u għandha mhux iktar tard minn sitt ġimgħat qabel ma tgħaddi kull sena bħal dik tadotta, estimi tad-dħul u nfiq ta' Jobsplus għas-sena finanzjarja li taħbat minnufih wara.

(3) L-estimi għandhom isiru f'dik il-forma u għandu jkun fihom dak it-tagħrif u dawk il-paraguni ma' estimi ta' qabel kif il-Ministru jista' jordna.

(4) Jobsplus għandha, fi żmien l-ewwel tliet xhur tas-sena finanzjarja, tħejji rapport dwar l-attivitajiet tagħha matul is-sena ta' qabel, li jkun fih dak it-tagħrif dwar il-funzjonijiet u attivitajiet ta' Jobsplus kif il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jeħtieġ.

(5) Kopja tal-estimi ta' Jobsplus, flimkien ma' kopja tar-rapport, għandha, malli l-estimi jiġu adottati mill-Bord, tintbagħat lill-Ministru minnufih.

(6) Il-Ministru għandu, mal-ewwel opportunità, iżda mhux iktar tard minn erba' ġimgħat wara li jkun irċieva kopja tal-estimi u tar-rapport ta' Jobsplus jew, jekk f'dak iż-żmien il-Kamra ma tkunx qed tiltaqa', fi żmien erba' ġimgħat mill-bidu tas-sessjoni li tiġi minnufih wara, jieħu ħsieb li dawk l-estimi u dak ir-rapport jitqiegħdu quddiem il-Kamra flimkien ma' mozzjoni li l-Kamra tapprova l-imsemmija estimi. Għandha tingħata mhux anqas minn seduta waħda biex il-Kamra tiddiskuti dik il-mozzjoni; u kemm dik il-mozzjoni kif ukoll l-approvazzjoni tal-estimi mill-Kamra jistgħu jkunu b'emendi għall-estimi jew mingħajr emendi.

(7) Ma jista' jsir ebda nfiq minn Jobsplus kemm-il darba ma jkunx approvat mill-Kamra:

Iżda -

(a) sakemm jgħaddu sitt xhur mill-bidu ta' sena finanzjarja jew sakemm ikun hemm l-approvazzjoni tal-estimi għal dik is-sena, Jobsplus tista' tagħmel jew tidħol għal infiq biex taqdi l-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att ta' mhux iktar b'kollox minn nofs l-ammont approvat mill-Kamra għas-sena finanzjarja ta' qabel;

(b) infiq approvat dwar kap jew sottokap tal-estimi jista', bl-approvazzjoni tal-Ministru, isir dwar kap jew sottokap ieħor tal-estimi;

(ċ) jekk dwar xi sena finanzjarja jinstab li l-ammont approvat mill-Kamra ma jkunx biżżejjed jew tinqala' l-ħtieġa għal infiq li ma jkunx provdut għalih fl-estimi, Jobsplus tista' tadotta estimi supplimentari għall-approvazzjoni tal-Kamra u, sakemm tingħata dik l-approvazzjoni iżda bil-kundizzjoni li din tingħata, Jobsplus tista' f'ċirkostanzi speċjali u bl-approvazzjoni tal-Ministru tagħmel l-infiq relattiv; u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att applikabbli għall-estimi għandhom, sa fejn ikun prattikabbli, japplikaw għal estimi supplimentari.

(8) L-estimi u l-estimi supplimentari kollha approvati mill-Kamra għandhom, malajr kemm jista' jkun, jiġu pubblikati fil-Gazzetta.

Kontijiet u verifika.

32. (1) Jobsplus għandha tieħu ħsieb li żżomm kontijiet xierqa u *records* oħra dwar ix-xogħol tagħha, u għandha tieħu ħsieb li tħejji prospett ta' kontijiet dwar kull sena finanzjarja.

(2) Il-kontijiet ta' Jobsplus għandhom jiġu verifikati minn awditur jew awdituri nominati minnha u approvati mill-Ministru:

Iżda l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jeħtieġ li l-kotba u l-kontijiet ta' Jobsplus jiġu verifikati jew eżaminati mill-Awditur Ġenerali li għal dan il-għan ikollu s-setgħa li jagħmel kull verifika fiżika u l-verifiki l-oħra, u jista' jitlob dik l-informazzjoni, li jidhirlu meħtieġa.

(3) Wara li tispiċċa kull sena finanzjarja, u fl-istess żmien li fih kopja tal-estimi ta' Jobsplus tintbagħat lill-Ministru skont l-artikolu 31, Jobsplus għandha tieħu ħsieb li kopja tal-prospett tal-kontijiet verifikati kif imiss tintbagħat lill-Ministru flimkien ma' kopja ta' kull rapport magħmul mill-awditur jew mill-awdituri fuq dak il-prospett jew il-kontijiet ta' Jobsplus.

(4) Il-Ministru għandu jieħu ħsieb li kopja ta' kull prospett u rapport bħal dawk jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra flimkien mal-mozzjoni mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra skont l-artikolu 31.

Setgħa li tissellef kapital.

33. (1) Jobsplus tista', bl-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru mogħtija wara li jkun ikkonsulta mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, tissellef jew tiġbor flus b'dak il-mod, minn dik il-persuna, korp jew awtorità, taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet u b'dik il-garanzija li tista' tqis xierqa, għal xi wieħed jew aktar mill-

għanijiet li ġejjin:

(a) it-twettiq tal-funzjonijiet ta' Jobsplus taħt dan l-Att;

(b) kull infiq ieħor li jista' jiġi addebitat lill-kont kapitali.

(2) Jobsplus tista' wkoll minn żmien għal ieħor, tissellef permezz ta' *overdraft* jew b'mod ieħor, għal perjodi li ma jeċċedux tnax-il xahar, dawk l-ammonti li tista' tinħtieġ biex twettaq il-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att:

Iżda tkun meħtieġa l-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru għal kull ammont li jeċċedi erba' mija u ħamsin elf euro (€450,000).

(3) Meta jkun meħtieġ li Jobsplus tieħu b'self mingħand il-Gvern xi ammonti li jkollha bżonn biex twettaq il-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara li jikkonsulta mal-Ministru, b'ordni taħt il-firma tiegħu u bla ħtieġa ta' ebda approprjazzjoni oħra ħlief dan l-Att, jawtorizza lill-*Accountant General* li jsellef lil Jobsplus jew minn xi self miftiehem jew magħmul għal dak l-għan jew mill-Fond Konsolidat; u dak is-self għandu jsir taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jordna.

(4) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', għal kull ħtieġa ta' Jobsplus ta' natura kapitali, jikkuntratta jew jissellef flus, jew jidħol f'obbligi, għal dak iż-żmien u taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kif hu jista' jidhirlu xierqa; u kull ammont dovut dwar jew konness ma' kull self jew obbligu bħal dan ikun piż fuq il-Fond Konsolidat.

(5) Avviż dwar self, obbligi finanzjarji jew avvanzi li jkunu magħmula jew li Jobsplus tkun daħlet għalihom skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, għandu jingħata mill-Ministru lill-Kamra malajr kemm jista' jkun.

Eżenzjoni minn ċerti taxxi u dazji.

34. Jobsplus għandha tkun eżentata minn kull responsabbiltà għall-ħlas ta' taxxa fuq l-*income* u taxxa fuq dokumenti taħt kull liġi li fiż-żmien tkun fis-seħħ.

TAQSIMA V

Records ta' Impjiegi

Reġistrazzjoni ta' persuni impjegati jew ta' persuni li jkunu qegħdin ifittxu impjieg.

35. (1) Jobsplus tista' tagħmel dispożizzjonijiet amministrattivi kif ikunu approvati mill-Bord taħt dan l-artikolu li jippreskrivu r-reġistrazzjoni u ż-żamma ta' *records* ta' persuni impjegati jew persuni li jkunu qegħdin ifittxu impjieg f'Malta.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra applikabbli, Jobsplus tista' tagħmel ukoll dispożizzjonijiet għall-iżvelar ta' xi dettalji mogħtija skont dan l-artikolu, jew skont l-artikolu 46, biex tippreskrivi l-kondizzjonijiet li taħthom *records* ta' dettalji bħal dawn jistgħu jinżammu u biex tesiġi li *records* bħal dawn jinqerdu wara perjodu kif jista' jkun preskritt.

Avviż mill-prinċipali.

36. Kull prinċipal, li jimpjega persuna oħra *whole-time*, *part-time* jew b'xi mod ieħor b'kuntratt definit jew indefinit jew fuq *probation* għandu javża lil Jobsplus dwar dan l-impjieg b'mezzi li jistgħu jiġu stabbiliti minn Jobsplus minn żmien għal żmien.

Persuni li jaħdmu għal rashom.

37. Kull persuna, minn hawn 'il quddiem imsejħa "persuna li taħdem għal rasha", li tidħol f'impjieg bi qligħ *whole-time*, *part-time* jew b'xi mod ieħor, ħlief f'kuntratt ta' xogħol ma' persuna li timpjega nies, għandha tavża lil Jobsplus dwar dan l-impjieg b'mezzi stabbiliti minn Jobsplus minn żmien għal żmien.

Avviż dwar impjieg waqt li persuna tkun tirreġistra għal xogħol.

38. Kull persuna li, waqt li tirreġistra ma' Jobsplus bħala persuna li qed tfittex impjieg tkun impjegata ma' xi persuna oħra, jekk *whole-time*, *part-time* jew b'xi mod ieħor, u kemm jekk b'kuntratt definit jew indefinit jew fuq *probation*, għandha tavża lil Jobsplus dwar dan l-impjieg b'mezzi stabbiliti minn Jobsplus minn żmien għal żmien.

Tifsir ta' "tkun qed taħdem".

39. Għall-finijiet ta' dan l-Att, persuna li tkun qed taħdem f'xi post tax-xogħol titqies li tkun impjegata jew taħdem għal rasha.

Tmiem tal-kuntratt ta' impjieg.

40. (1) Meta kuntratt ta' xogħol jitwaqqaf il-prinċipal għandu, fi żmien erbat ijiem mid-data ta' tmiem tal-impjieg, javża lil Jobsplus b'mezzi kif minn żmien għal żmien ikunu stabbiliti, bid-data tat-tmiem tal-kuntratt. Jobsplus imbagħad għandha tibgħat dikjarazzjoni ta' għarfien dwar dan kmieni kemm jista' jkun.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kull persuna li taħdem għal rasha, meta dik il-persuna tieqaf minn xogħol bi qligħ.

Records rigward *traineeship*.

41. (1) Kull prinċipal li jkun marbut bi ftehim rigward *traineeship* kif imfisser bil-liġi għandu f'kull ħin iżomm dawk ir-*records* ta' kull *trainee* li jistgħu jkunu determinati minn Jobsplus.

(2) Kull persuna li tkun qiegħda jew kienet prinċipal li hemm referenza għaliha hawn qabel għandha żżomm *records* magħmulin

skont is-subartikolu preċedenti għal perjodu ta' tliet snin sussegwenti għad-data tar-*record*, u għandha, fuq talba ta' Jobsplus magħmula fil-perjodu msemmi ta' tliet snin, tipproduċi dawn ir-*records* għal skrutinju.

(3) Kull persuna li tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu msemmijin qabel, jew li tonqos milli tagħmel dak mitlub minnha li jaqa' taħt dan l-artikolu, tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att.

Minorenni.

42. (1) L-ebda persuna ma tista' timpjega minorenni ta' età ta' skola obbligatorja ħlief:

(a) fejn il-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni jagħti permess bil-miktub li tħaddem dak il-minorenni skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Edukazzjoni; jew

Kap. 327.

(b) taħt xi skema ta' taħriġ approvata mill-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Edukazzjoni jew kif ikun previst dwar dan f'kull liġi oħra:

Kap. 327.

Iżda prinċipal ikun marbut li jiżgura li l-kondizzjonijiet, jekk ikun hemm, imniżżlin fl-imsemmi permess bil-miktub jew skema ta' taħriġ ikunu rispettatti.

(2) Kull persuna li ma tosservax xi dispożizzjoni ta' dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att.

Impjieg ta' persuni li mhumiex ċittadini ta' Malta.

43. Kull prinċipal li jimpjega xi persuna li ma tkunx ċittadina ta' Malta, ħlief fir-rigward ta' persuna li jkollha permess waħdieni jew liċenza ta' impjieg, ikun ħati ta' reat.

Lista ta' impjegati u *trainees*.

44. Kull prinċipal għandu jissottometti lil Jobsplus lista ta' impjegati u, jew *trainees*, li kienu impjegati miegħu f'xi żmien kif mitlub minn Jobsplus.

Reati kontra d-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima.

45. Kull persuna li ma tosservax xi dispożizzjoni ta' din it-Taqsima tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att.

TAQSIMA VI

Infurzar, Reati u Pieni

Infurzar.

46. (1) Il-Ministru jista' bil-miktub jinnomina uffiċjali ta' Jobsplus jew lil kull persuna oħra li hu jispeċifika, biex ikunu spetturi għall-għanijiet ta' dan l-Att.

(2) Spetturi taħt dan l-Att ikollhom dawk il-funzjonijiet u d-dmirijiet li jistgħu jkunu preskritti.

(3) Spetturi hekk nominati kif imsemmi hawn qabel ikollhom is-setgħa -

(a) li jidħlu bla tfixkil u mingħajr ma qabel javżaw f'kull ħin xieraq f'kull fond jew post suġġett għall-ispezzjoni taħt dan l-Att;

(b) li jagħmlu f'kull fond jew post bħal dan kull eżami, test jew stħarriġ li huma jidhrilhom meħtieġa sabiex jaraw jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti jew ordnijiet taħtu kif ukoll kull kondizzjoni ta' impjieg magħrufa humiex qegħdin jiġu mħarsa, u b'mod partikolari -

(i) li jagħmlu mistoqsijiet, weħidhom jew quddiem ix-xhieda, lill-prinċipal jew lill-impjegati jew lit-*trainees* fuq kull ħaġa minn dawk imsemmijin;

(ii) li jordnaw li juruhom kotba, reġistri jew dokumenti oħra li skont dan l-Att jew xi ordni maħruġ taħtu għandhom jinżammu u li jikkopjaw dawk id-dokumenti jew jieħdu estratti minnhom;

(iii) li jsejħu lil prinċipali u, jew persuni li jaħdmu għal rashom u impjegati biex imorru fl-Uffiċċju Ewlieni ta' Jobsplus, biex jersqu quddiem spettur fi żmien raġonevoli biex iwieġbu mistoqsijiet, jew jagħtu informazzjoni, relatati ma' impjieg.

(4) Fl-okkażjoni ta' żjara ta' spezzjoni, spettur għandu jgħarraf lill-prinċipal jew lir-rappreżentant tiegħu bil-preżenza tiegħu, kemm-il darba huwa ma jidhirlux illi dik it-tagħrifa tista' tkun ta' ħsara għall-qadi ta' dmirijietu.

(5) Il-fondi u postijiet suġġetti għall-ispezzjoni taħt dan l-Att huma kull fond jew post li dwaru jgħoddu xi dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolament jew ordni taħtu jew xi kondizzjonijiet ta' impjieg magħrufa jew kull fond jew post li dwaru spettur ikollu

għalfejn jaħseb li jgħoddu d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew regolamenti jew ordnijiet taħtu jew kondizzjonijiet ta' impjieg magħrufa.

Indħil mhux xieraq.

47. (1) Ħadd ma għandu jindaħal jew jittanta jindaħal b'mod mhux xieraq direttament jew indirettament għalih innifsu jew għal xi ħaddieħor, fix-xogħol tal-Awtorità, Jobsplus, jew tal-membri jew diretturi tagħhom, jew persuni impjegati minnhom, fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att.

(2) Kull persuna li tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att.

Tagħrif falz, eċċ.

48. Kull persuna li, dwar xi ħaġa taħt dan l-Att -

(a) tagħti xi tagħrif li tkun taf li huwa falz f'xi punt importanti, jew mingħajr ma jimpurtaha tagħti xi tagħrif li jkun falz f'xi punt importanti; jew

(b) bil-ħsieb li tinganna, tipproduċi, tagħti, tibgħat jew xort'oħra tagħmel użu minn xi dokument li jkun falz f'xi punt importanti; jew

(ċ) xjentement tirrifjuta li tagħti jew mingħajr raġuni leġittima (li l-prova tagħha tkun għall-karigu tagħha) ma tagħtix, xi tagħrif importanti,

tkun ħatja ta' reat skont dan l-Att u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux inqas minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) jew priġunerija għal perjodu ta' mhux aktar minn sena, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

Reati dwar *traineeship*.

49. Kull min -

(a) jikser jew jonqos milli josserva d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 41; jew

(b) xjentement jew mingħajr ma jimpurtah jagħmel xi dikjarazzjoni mhux korretta jew iniżżel notament mhux korrett f'xi ktieb jew rapport miżmum jew mogħti bis-saħħa tat-Taqsima V jew ta' regolamenti magħmulin bis-saħħa tagħha; jew

(ċ) jirrifjuta jew jonqos li jwieġeb mill-aħjar li jaf għal kull mistoqsija li uffiċjal ta' Jobsplus jew spettur ikun għamillu fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu taħt it-Taqsima V; jew

(d) jirrifjuta jew jonqos li josserva xi ħtiġiet debitament

previsti taħt dan l-Att; jew

(e) ifixkel lil Jobsplus jew lir-rappreżentanti tagħha jew spettur fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att,

ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att.

Reati kontra l-artikoli 15 jew 40.

50. Kull persuna li tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att taħt l-artikoli 15 jew 40 teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux inqas minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) iżda mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000).

Reati kontra l-artikolu 42.

51. Kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 42 teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000).

Reati kontra l-artikolu 43.

52. Kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 43 teħel, meta tinstab ħatja, multa ta mhux inqas minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000) kif ukoll is-sospensjoni tal-liċenzja applikabbli għan-negozju jew kummerċ.

Penali amministrattiva.

53. (a) L-ebda proċeduri m'għandhom jittieħdu kontra xi persuna għal xi reat bi ksur tal-artikoli, 36, 37, 38 u 40 fejn dik il-persuna, wara li tkun irċeviet notifika minn Jobsplus għal ħlas ta' penali ta' ħames mitt euro (€500) minħabba ksur ta' dawn l-artikoli, toqgħod għal dawn il-provvedimenti u tħallas dik il-penali lil Jobsplus f'kull każ fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tkun irċeviet dik l-ittra ta' notifika.

(b) Fil-każ li dik il-penali ma titħallasx skont kif hemm imniżżel fil-paragrafu (a), dik il-persuna tkun soġġetta għal multa ta' mhux inqas minn ħames mitt euro (€500) u mhux aktar minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500).

Piena ġenerali.

54. (1) Kull min ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att jew jonqos li jikkonforma ruħu ma' xi dispożizzjoni ta' xi regolamenti jew ordnijiet li jsiru bis-saħħa tiegħu, jeħel, jekk ma jkunx hemm prevista piena partikolari għal dak ir-reat f'dan l-Att jew fir-regolamenti jew fl-ordni, meta jinstab ħati, multa ta' mhux anqas minn mitt euro (€100) u mhux iżjed minn elfejn euro (€2,000).

(2) Ebda proċedimenti ma għandhom jittieħdu kontra xi persuna għal xi reat kontra dan l-Att li ma jkunx reat kontra l-artikoli 15 u 40 tiegħu, jekk dik il-persuna, wara li tkun irċeviet ittra mingħand Jobsplus għall-ħlas ta' penali ta' mitt euro (€100) talli tkun kisret id-dispożizzjonijiet imsemmija ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti jew ordnijiet magħmulin bis-saħħa tiegħu, tikkonforma

ruħha ma' dawk id-dispożizzjonijiet u tħallas dik il-penali lil Jobsplus, f'kull każ, fi żmien ħmistax-il jum minn meta dik il-persuna tkun irċeviet l-ittra ta' notifika.

Riżerva dwar il-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

55. Il-pieni msemmijin f'dan l-Att għandhom japplikaw ħlief jekk il-fatt jikkostitwixxi reat aktar gravi taħt il-Kodiċi Kriminali jew kull liġi oħra, f'liema każ dak il-Kodiċi jew liġi oħra għandhom japplikaw.

Preskrizzjoni.

56. Minkejja kull liġi oħra, il-proċedimenti għal reat taħt dan l-Att jew taħt xi regolamenti jew ordnijiet magħmulin taħtu jistgħu jinbdew f'kull żmien għeluq sitt snin mill-għemil tar-reat.

TAQSIMA VII

Mixxellanji

Applikabbiltà tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*. Kap. 440.

57. (1) Mingħajr preġudizzju għall-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, minn żmien għal żmien Jobsplus tista' titlob:

(a) kull persuna li tmexxi skola jew istituzzjonijiet oħra edukattivi jew ta' taħriġ, kif dawn it-termini huma mfissra fir-Regolamenti dwar l-Ipproċessar ta' *Data* Personali fis-Settur tal-Edukazzjoni, biex tipprovdi, b'dak il-mod kif tista' tintalab tagħmel fi żmien raġonevoli, dawk id-dettalji li Jobsplus tkun teħtieġ fir-rigward ta' studenti li jkunu qabżu l-età ta' skola obbligatorja skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Att dwar l-Edukazzjoni;

L.S. 440.09

Kap. 327.

(b) kull persuna responsabbli għall-implimentazzjoni ta' politiki dwar is-suq tax-xogħol biex tipprovdi, b'dak il-mod kif tista' tintalab tagħmel fi żmien raġonevoli, dawk id-dettalji li Jobsplus tkun teħtieġ fir-rigward ta' studenti li jkunu qabżu l-età ta' skola obbligatorja skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Att dwar l-Edukazzjoni;

Kap. 327.

(ċ) kull prinċipal u kull persuna, fi żmien raġonevoli, tipprovdi dik l-informazzjoni marbuta ma' impjiegi u materji relatati li Jobsplus tista' teħtieġ;

Kap. 413.

(d) lill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, imwaqqfa bis-saħħa tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), li tipprovdi, b'kull mod li tintalab u fi żmien raġonevoli, dawk id-dettalji li Jobsplus tkun teħtieġ dwar persuni ta' bejn l-età ta' sittax-il sena u ħamsa u s-sittin sena rreġistrati f'reġistri mfasslin u miżmumin mill-Kummissjoni, biex jgħinu fit-twettiq tal-obbligi legali ta' Jobsplus sabiex din tkun tista' twettaq il-funzjonijiet tagħha li jinsabu fl-Att dwar l-Impjieg ta' Persuni b'Diżabilità.

Kap. 210.

(2) Kull persuna li tonqos milli tissodisfa xi talba li taqa' taħt dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att.

Dettalji li jistgħu jkunu meħtieġa.

58. (1) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-setgħat mogħtija fl-artikolu 57, id-dettalji li jistgħu jkunu meħtieġa għandhom jinkludu dawk id-dettalji relatati ma' età, ġeneru, abbiltà, kisbiet edukattivi u dettalji oħra tal-persuni li għandhom x'jaqsmu magħhom skont kif għal Jobsplus jidhru li jkunu neċessarji jew spedjenti biex jingħata parir f'waqtu dwar prospetti ta' xogħol, biex jitfasslu politiki dwar impjiegi u taħriġ, biex jitfasslu politiki rigward is-suq tax-xogħol li jkunu jistgħu jlaħħqu mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u biex jiġi analizzat l-impatt ta' politiki u inizjattivi attivi tas-suq tax-xogħol:

Iżda meta l-ipproċessar ta' *data* jkun meħtieġ għal għanijiet ta' riċerka u ta' statistika, kull *data* identifikabbli għandha tinżamm anonima, ħlief jekk, fil-każ tar-riċerka, l-identifikazzjoni tas-suġġett tad-*data* tkun meħtieġa biex l-għanijiet ta' dik ir-riċerka jintlaħqu.

(2) Fejn, għall-finijiet ta' tfassil ta' politiki dwar xogħol, taħriġ u suq tax-xogħol, ir-riċerka li tkun qed issir tkun tinħtieġ id-dettalji ta' identifikazzjoni ta' persuni, Jobsplus għandha tipproċessa *data* bħal din billi tibdel *data* ta' identifikazzjoni personali ma' *data* psewdonima, u fl-aħħarnett tillimita biss l-identifikazzjoni mill-ġdid ta' persuni għal dawk il-każijiet li speċifikament jaqgħu fil-parametri tal-politika tagħha.

(3) Meta, għall-finijiet tas-subartikoli preċedenti, *data* psewdonima tiġi pproċessata, Jobsplus għandha tiżgura li:

(a) *data* personali ma tiġix pproċessata għal xi għan ieħor li ma jkunx kompattibbli mal-għan speċifiku tal-politika tagħha;

(b) *data* li tgħin fl-attribuzzjoni ta' informazzjoni għal suġġett ta' *data* identifikat jew li jista' jiġi identifikat tinżamm separatament mid-*data* l-oħra;

(ċ) *data* personali ma tinżammx għal perjodu ta' żmien iktar milli jkun neċessarju u d-dettalji kollha identifikabbli għandhom isiru anonimi, imħassrin, jew meqrudin, wara t-temm tal-politika u, jew, l-implimentazzjoni tal-inizjattiva.

Regolamenti.

59. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti b'mod ġenerali sabiex jagħti seħħ lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u għall-infurzar tagħhom, u b'mod partikolari, iżda mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak imsemmi qabel -

(a) sabiex jipprovdi dwar kull ħaġa li hi meħtieġa jew awtorizzata b'dan l-Att li tiġi preskritta;

(b) sabiex jippreskrivi s-setgħat u l-proċeduri tal-Awtorità fis-smigħ u deċiżjoni ta' appelli taħt dan l-Att.

(2) Is-setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-Att għandha tinkludi s-setgħa li jistabbilixxi l-pieni dwar xi ksur jew kontravvenzjoni tagħhom jew xi nuqqas ta' tħaris tagħhom:

Iżda dawk il-pieni ma jistgħux ikunu aktar minn multa ta' ħmistax-il elf euro (€15,000) jew priġunerija għal aktar minn tliet xhur.

Kunflitt ta' interessi.

60. (1) Direttur, uffiċjal, impjegat, aġent jew konsulent ta' Jobsplus li jkun b'xi mod direttament jew indirettament interessat f'xi kuntratt magħmul jew maħsub li jsir minn Jobsplus jew f'xi attività jew servizz li għandhom jiġu provduti għal Jobsplus jew minnha, għandu, kemm jista' jkun malajr wara li ċ-ċirkostanzi relattivi jiġu għall-konjizzjoni tiegħu, juri x-xorta tal-interess tiegħu lill-Bord ta' Jobsplus.

(2) Kull żvelar magħmul skont is-subartikolu (1) minn direttur għandu jiġi reġistrat fil-minuti tal-laqgħa li fiha jsir, u d-direttur -

(a) għandu, wara l-iżvelar, jirtira mis-seduta waqt li dik il-ħaġa qed tiġi diskussa jew deċiża mill-Bord; u

(b) ma għandux jittieħed kont tiegħu dwar il-kostituzzjoni ta' *quorum* tal-Bord għal xi diskussjoni jew deċiżjoni tali.

(3) Jobsplus għandha mingħajr dewmien tinforma lill-Ministru b'kull żvelar magħmul taħt dan l-artikolu.

Tħassir u Riżerva. Kap. 343.

61. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli li ġejjin, l-Att tal-1990 dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ, hawn iżjed

’il quddiem imsejjaħ "l-Att imħassar", huwa b’dan imħassar.

(2) Sa meta jiġu revokati, jitħassru jew jiġu sostitwiti, kull skema magħmula, permess jew eżenzjoni mogħtija, kull ftehim magħmul u kull regolament jew ordni magħmul jew miżmum fis-seħħ, taħt u bis-saħħa tal-Att imħassar għandhom, minkejja t-tħassir ta’ dak l-Att, ikomplu fis-seħħ u għandhom jitqiesu li saru taħt u bis-saħħa ta’ dan l-Att.

(3) Kull persuna rreġistrata għal impjieg taħt l-Att imħassar għandha tkompli tgawdi l-istess prijorità dwar riferiment għal impjieg taħt dan l-Att, li għaliha kienet intitolata qabel il-bidu fis-seħħ ta’ dan l-Att.

(4) Kull riferenza f’kull liġi oħra għall-Att imħassar għandha titqies li tkun riferenza għad-dispożizzjonijiet relattivi ta’ dan l-Att.

SKEDA

[Artikolu 3]

FORMA TAL-ĠURAMENT LI GĦANDU JITTIEĦED MILL-MEMBRI TAL-AWTORITÀ

Jien ..... li ġejt maħtur Membru tal-Awtorità Nazzjonali tax-Xogħol kostitwita taħt l-Att dwar is-Servizzi ta’ Impjieg u Taħriġ, b’dan naħlef illi jiena bil-fedeltà kollha u b’imparzjalità u mill-aħjar li nista’ naqdi d-dmirijiet u x-xogħol li jmiss lili f’din il-kariga.

Hekk Alla jgħini.

A 2057

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 168 tal-14 ta' Novembru, 2018.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati